IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

19 ta' Marzu 2018
38/2018

**VIA SACRA DJOĊESANA 2018**

Il-Via Sacra Djoċesana mmexxija mill-Arċisqof Charles J. Scicluna ser issir nhar l-Erbgħa, 28 ta' Marzu 2018. Il-Via Sacra tibda fis-7:30pm minn ħdejn l-istatwa ta' Kristu Re (quddiem il-lukanda *Phoenicia*), u tintemm quddiem il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

Fl-okkażjoni tas-Sinodu tal-Isqfijiet dwar iż-Żgħażagħ imsejjaħ mill-Papa Franġisku, li ser isir f'Ottubru li ġej fil-Vatikan, l-Arċisqof talab lil Malta Catholic Youth Network (MCYN) biex żgħażagħ minn gruppi differenti jħejju r-riflessjonijiet tal-Via Sacra.

L-Insara kollha huma mistiedna u nkoraġġiti jattendu għal Via Sacra li ser issir lejlet it-Tridu tal-Għid li matulu l-Knisja Universali tfakkar il-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**